April
Mejju
Ġunju
2025

il-fuljett

# Amigos

Marafiki - Ħbieb - Friends

Sena 29




Segretarjat Missjonijiet Agostinjani

Jikteb Fr. Mario Abela OSA



# MILJUNARJU

Waqt li kont ftit għall-kwiet waħdi, berren dan il-ħsieb f'moħħi: *"kos inti miljunarju Father!"* Stenna ftit, jien miljunarju? Kif jista' jkun dan?. Forsi wieħed jgħid kif ġih dan il-ħsieb il-Father illum.

Nistqarr magħkom, ftit qabel kont qiegħed naqra xi korrispondenza li kienet għaddejja ma' xi missjunarji f'diversi pajjiżi fejn inwettqu ħidma volontarja biż-żgħażagħ Maltin fis-sajf. Fejn dawn ħutna talbuni xi għajnuniet finanzjarji għal diversi proġetti li jkunu qegħdin iwettqu mall-familji u tfal foqra. Ħafna jkunu l-bżonnijiet tagħhom, imma jiena nara dejjem liema huma l-proġetti l-aktar urġenti u kemm jiswew flus. Tixtieq li tgħin lil kulħadd u kull proġett imma mhux dejjem ikollok flus biżżejjed għal dawn it-talbiet.

Komplejt naħseb bejni u bejn ruħi u għidt: "Tgħid indur fuq dawk il-ħafna nies li jitolbuni biex jirbħu l-lotterija?" Tafu intom ħafna huma dawk in-nies li spiss jitolbuna biex niftakru fihom fit-talb tagħna ta' kuljum għal diversi intenzjonijiet bħal saħħa, mard, eżamijiet, problemi familjari u oħrajn, imma hemm oħrajn li jitolbuna nitolbu għalihom għal xi ħaġa li donna aktar serja u importanti minn kollox.

- *"Father, itlob għalija, għax jekk nirbaħ il-lotterija żgur li naħseb fik u fil-foqra tiegħek."*
- *"Father, itlob għalija għax ħadt xi żewġ biljett tal-lotterija l-kbira u jekk nirbaħ żgur ngħinek waħda sewwa fil-missjoni fl-Afrika."*
- *"It-talb tiegħek jasal żgur Father, itlob daqsxejn għalija aktar illum biex nirbaħ il-lotterija."*

Taf inti jgħidu li t-talb tal-Father jasal aktar u jekk nirbaħ naħseb fil-missjoni. Dawn li semmejt huma biss ftit mill-litanija twila ta' dawk li jitolbuni biex jirbħu l-famuża lotterija. Għalhekk ġieni dan il-ħsieb f'moħħi li jiena "miljunarju". Fuq kollox, qatt ma wasal xejn għandi u lanqas naf rebħux il-lotterija jew le.

Ma nixtieqx ninftiehem ħażin, flus tal-lotterija qatt ma ġew f'idejja, imma l-providenza t'Alla l-Imbierek ma naqsitna qatt. Alla jinqeda permezz tagħkom għeżież benefatturi u ħbieb tagħna. Alla jinqeda bikom biex dak li Hu jipprovdilkom tgħarfu taqsmu xi ftit minnu ma' dawn ħutna li minħabba ċerti sitwazzjonijiet diffiċli qegħdin jgħixu ħajja ta' faqar jew miżerja.

Matul dawn is-snin kollha li ilni nieħu ħsieb is-Segretarjat Missjonijiet Agostinjani, ħassejt kemm il-providenza t'Alla hija kbira u qatt ma naqset. Alla jaħseb f'kulħadd kif hemm miktub tajjeb fil-Vanġelu ta' San Mattew:

> *"Għalhekk ngħidlkom: tinkwetawx ruħkom għal ħajjitkom, x'se tieklu jew x'tixorbu, anqas għal ġisimkom x'se tilbsu. Jaqaw il-ħajja m'hijiex aqwa mill-ikel, u l-ġisem aqwa mill-ilbies? Ħarsu lejn l-għasafar tas-sema; la jiżirgħu u lanqas jaħsdu u lanqas igeddsu fl-imħażen, u madanakollu Missierkom li hu fis-smewwiet jitmagħhom! Intom ma tiswewx aktar minnhom?"* (6: 25-26)

L-għajnuna tagħkom hija aqwa minn dawk ta' ħafna li wegħduni li jgħinuni, jekk jirbħu l-lotterija. Intom tgħinu minn qalbkom u għax tixtiequ ttejbu xi ftit il-ħajja ta' dawn ħutna fil-bżonn.

Grazzi.

Fr Mario Abela O.S.A.
Direttur



Jikteb Fr. Terence Spiteri OSA




# MILL-BRAŻIL, GĦALL-AFRIKA U ISSA GĦALL-PERÙ

Kien is-sajf li għadda meta P. Mario Abela osa ġietu l-idea li nevalwaw il-possibilità li dan is-sajf li ġej nitilgħu flimkien ma' grupp ta' żgħażagħ fil-missjoni tagħna l-Patrijiet Agostinjani f'Iquitos u Nauta (Perù). Jien u P. Mario tlajna għal ftit jiem f'Diċembru li għadda biex naraw u ngħixu aħna stess din ir-realtà ta' faqar li hemm u kif nistgħu ngħinu bħala Segretarjat.

Dawn il-jiem kienu esperjenza qawwija li ħallew fija ħeġġa ikbar biex inkun parti minn din il-missjoni. F'dawk il-jiem żorna realtajiet ta' faqar enormi fejn familji sħaħ jgħixu tul ix-xmara Marañon li tmiss max-xmara l-Amażonja, fejn hemmhekk hemm madwar 40 komunità mifruxa mal-foresta. F'din ir-realtà rajna ħafna familji li fid-djar tagħhom m'għandhomx saqqu fuqhiex jorqdu, imma jorqdu fuq l-art tal-injam, familji oħrajn li m'għandhomx aċċess għall-ilma u allura jridu jimxu fit-tul biex ikunu jistgħu jimlew l-ilma mix-xmara u ħafna bżonnijiet oħrajn.



Grazzi għad-donazzjonijiet tagħkom qegħdin niġbru l-flus biex dan is-sajf inkunu nistgħu naħdmu bħala grupp u ngħinu diversi familji jgħixu ħajja naqra iktar diċenti. Fil-paġni li jmiss tistgħu taraw ukoll dan il-ġbir li ġbarna s'issa u x'inhuma l-proġetti u l-ħolm tagħna għal dawn it-tfal u l-familji foqra.



Grazzi dejjem mill-qalb tad-donazzjonijiet tagħkom.

Fr Terence Spiteri O.S.A



# GĦARGĦAR

## *Jiktbilna Fr Walker Agostinjan minn Iquitos (Perù)*

Bħalissa qegħdin ngħaddu minn mumenti ta' għargħar kbir hawnhekk fl-Amażonja (Iquitos), u r-residenti tal-parroċċa tagħna qed ibatu minħabba dan, għax ilu tnax-il sena ma jagħmel xi ħaġa bħal din. L-istampi li tistgħu taraw huma xhieda ta' djar f'riskju, mhux biss minħabba l-volum tal-ilma, iżda wkoll minħabba s-sriep u annimali oħra li jidħlu fid-djar. Dawn ir-ritratti huma sinjal ċar tad-diffikultà u l-periklu li qegħdin jgħixu fih dawn il-familji. Il-Mulej jipproteġi lill-aħwa tagħna f'nofs din is-sitwazzjoni ta' periklu.

Grazzi għad-donazzjonijiet tagħkom nistgħu ngħinu ftit billi nipprovdu materjal li jista' jintuża biex jagħmlu pontijiet tal-injam ħalli jkunu jistgħu jidħlu fid-djar tagħhom flimkien ma' ikel, xi ħwejjeġ u lbiesi u provisti oħrajn bażiċi.







# X' GĦAMILNA S'ISSA

**GRAZZI GĦAD-DONAZZJONI TIEGĦEK**



**Is-sajf li ġej ser inkunu nistgħu nagħmlu tiswijiet f'6 idjar tal-injam**

**GRAZZI GĦAD-DONAZZJONI TIEGĦEK**



**74 familja jista' jkollha saqqu fuqhiex torqod**



# L-ewwel grupp li tiela fil-missjoni Iquitos - Perù






**Raisa Mifsud, 33 sena, Naħdem fil-qasam tal-edukazzjoni**

**Kif sirt taf bl-Amigos u b'din l-esperjenza?**

Sirt naf b'din l-esperjenza għaliex bqajt f'kuntatt ma' Fr Mario wara li diġa kont involuta f'esperjenzi missjunarji oħrajn passati.

**X'qed tistenna minn din l-esperjenza?**

Minn din l-esperjenza nistenna li jkolli l-opportunità u ċ-ċans li noffri l-kapaċitajiet tiegħi kemm f'ambitu lokali u anke barra minn xtutna.

**Xi tfisser il-missjoni għalik?**

Il-missjoni hija opportunità fejn jien nista' nagħti sehmi u noffri ħini biex intejjeb sitwazzjonijiet ta' ħaddieħor li jkunu fil-bżonn.



**Christian Cauchi, 32 sena, Impjegat mal-Gvern**

**Kif sirt taf bl-Amigos u b'din l-esperjenza?**

Sirt naf b'din l-esperjenza u bl-Amigos mill-midja soċjali.

**X'qed tistenna minn din l-esperjenza?**

Nixtieq li fl-aħħar tal-esperjenza nkun offrejt ftit għajnuna u imħabba lin-nies fil-bżonn, mingħajr ma nistenna xejn lura.

**Xi tfisser il-missjoni għalik?**

Il-missjoni għalija hija bħal raġġ ta' tama fid-dinja, ma' dawk li huma batuti fis-soċjetà.

# PAPA LJUN XIV

## "Jiena iben Santu Wistin, Agostinjan"

uman
qaddej
missjunarju
għaref



Leo P.P. XIV

Amigos
Segretarjat Missjonijiet Agostinjani




# L-arma araldika tal-Papa Ljun XIV

## Il-Fleur de Lys

Il-parti ta' fuq turi sfond ikħal b'ġilju (fleur-de-lys) bajdani. Dawn juru r-rabta mal-Verġni Marija.

## Il-Qalb u l-Ktieb

Fil-parti ta' isfel insibu l-arma tal-Ordni Agostinjan, il-qalb minfuda bi vleġġa li qed tistrieħ fuq il-ktieb, b'referenza għall-esperjenza tal-konverżjoni li kellu Santu Wistin innifsu - il-laqgħa personali tiegħu mal-Kelma ta' Alla.

Il-Papa Ljun XIV għażel ukoll il-motto li jirrifletti din it-tradizzjoni Agostinjana: **In Illo uno unum**, li tfisser: **"Fil-Wieħed, aħna ħaġa waħda"**.

Din hija frażi meħuda mill-Espożizzjoni fuq Salm 127 ta' Santu Wistin, fejn ifisser li "għalkemm aħna l-insara aħna ħafna, fi Kristu [li hu] wieħed aħna ħaġa waħda".



**Joseph Degabriele, 31 sena, Għalliem**

**Kif sirt taf bl-Amigos u b'din l-esperjenza?**

Ta' tifel żgħir niftakarni inżur l-fiera tal-Amitex u nieqfu mal-istand tal-AMIGOS għaliex oħti kellha interess kbir li tmur tagħmel volontarjat f'missjoni barra minn xtutna. Is-salib li kienu qed iqassmu niftakarni nilbsu għall-iskola, sakemm darba kien inqatà u tliftu, iżda dejjem bqajt niftakru!

Dejjem xtaqt immur x'imkien fit-tul u barra mill-Ewropa. Fuq Facebook sibt il-post li kienet qed tippromwovi din l-esperjenza, ċempilt lil Fr Mario u Fr Terence u stednuni biex immur nitkellem magħhom għal aktar dettalji.

**X'qed tistenna minn din l-esperjenza?**

Nixtieq nerġa nħoss ftit x'inhu l-veru sens tal-ħajja! Jum wara jum, xogħol, ħruġ, ħbieb u iżjed donnok tidħol f'rutina li biha twarrab is-sens tal-ħajja u tispiċċa tiffoka fuq karriera, flus, suċċess u poter u tinsa li fis-sempliċità hemm il-veru sens ta' hena.

**Xi tfisser il-missjoni għalik?**

Hija opportunità li fiha taqsam ma' ħaddieħor dak li inti kont ixxurtjat biżżejjed li għandek: ħin, flus, saħħa, sapport - kultant dawn ir-rigali nkunu mgħerqin fihom u ma nagħtux kashom. Il-missjoni jkun dak il-post li fih tmiss ftit il-qalb, ir-ruħ tiegħek u tapprezza iżjed dan kollu.



**Christian Busuttil, 29 sena, Nurse u Property Consultant**

**Kif sirt taf bl-Amigos u b'din l-esperjenza?**

Sirt naf b'din l-esperjenza minn żagħżugħ li kien tela' diġà jagħmel esperjenzi missjunarji mal-AMIGOS u tefa' l-istedina għal din l-esperjenza ta' din is-sena f'whatsapp group ta' ħbieb li mmorru nagħmlu mixjiet flimkien.

**X'qed tistenna minn din l-esperjenza?**

Minn din l-esperjenza nixtieq ngħix u nara r-realtajiet ta' faqar li jeżistu u nagħti daqqa t'id biex b'xi mod intaffi ftit mill-effett li l-faqar iħalli fuq dawn in-nies.

**Xi tfisser il-missjoni għalik?**

Il-missjoni hija servizz li tagħti lil dawk inqas ixxurtjati mingħajr ebda kumpens finanzjarju. Xi ħaġa li tħalli marka pożittiva kemm lil dik il-persuna li tkun irċeviet l-għajnuna u l-imħabba kif ukoll lilek innifsek. Xi ħaġa li ser tgħinek tikber u timmatura u tibqa' saqajk mal-art.



**Antonio Chetcuti, 28 sena, Electrical u Plumbing**

**Kif sirt taf bl-Amigos u b'din l-esperjenza?**

Sirt naf b'din l-esperjenza għaliex sentejn ilu kont għamilt esperjenza missjunarja fil-Kenja mal-AMIGOS u ħalliet impatt qawwi f'ħajti u nixtieq nerġa ngħin lil tfal u familji foqra, din id-darba fil-Perù.

**X'qed tistenna minn din l-esperjenza?**

Minn din l-esperjenza nixtieq li nkompli nikber fil-fidi u nagħti ħini u l-għajnuna tiegħi lil dawn ħutna billi nipprova nagħti daqqa t'id fil-ħajja ta' kuljum tagħhom.

**Xi tfisser il-missjoni għalik?**

Il-missjoni tgħixha meta tifhem il-persuna u s-sitwazzjoni li ssib quddiemek u mingħajr ma tistaqsi għaliex tgħin u fuq kollox dak li tixtieq tagħmel, tagħmlu b'imħabba bħalma jagħmel il-Mulej magħna ta' kuljum.



**Christine Magri, 30 sena, Għalliema**

**Kif sirt taf bl-Amigos u b'din l-esperjenza?**

Ili snin li nixtieq nagħmel xogħol volontarju, imma qatt ma sibt il-kuraġġ biex nagħmel dan il-pass. Kont qed nitkellem ma' ħabib tiegħi Joseph, u qalli ser jagħmel esperjenza missjunarja mal-Agostinjani fil-Perù. Huwa ħeġġiġni ħafna biex jien ukoll nidħol għal din l-esperjenza.

X'qed tistenna minn din l-esperjenza?

Minn din l-esperjenza, qed nistenna li nikber bħala persuna u nitgħallem affarijiet ġodda kemm dwar nies oħra kif ukoll dwari nnifsi. Nixtieq niffaċċja sfidi li jgħinuni nsir aktar indipendenti, flessibbli u sensittiva lejn il-bżonnijiet ta' ħaddieħor. Xewqa tiegħi li nagħti kontribut b'mod pożittiv, u li nagħmel differenza – anki jekk żgħira – fil-ħajja ta' xi ħadd. Barra minn hekk, li nagħmel ħbiberiji ġodda, nesperjenza kultura differenti, u noħroġ b'aktar apprezzament lejn dak li għandna f'ħajjitna ta' kuljum.

**Xi tfisser il-missjoni għalik?**

Il-missjoni għalija tfisser li nħalli l-kumdità tiegħi warajja biex nagħti minn qalbi, u fl-istess ħin, nirċievi tagħlim u esperjenzi li jibqgħu miegħi għal ħajti kollha.

# Attivitajiet li saru mis-Segretarjat Missjonijiet Agostinjani f'dawn l-aħħar xhur



## Live-in

Fil-bidu ta' Jannar, il-grupp li tiela' jagħmel esperjenza missjunarja s-sajf li ġej, iltaqa' flimkien biex permezz ta' attivitajiet u mumenti differenti, jsir jaf lil xulxin u jiskopri iżjed xi tfisser din l-esperjenza unika fil-ħajja tagħhom.

## Pasta Night

Il-Ġimgħa 21 ta' Frar, kienet organizzata Pasta Night għal familji, ħbieb u benefatturi tas-segretarjat Missjonijiet Agostinjani. Kien mument sabiħ fejn f'ambjent familjari dawk li attendew kielu platt għaġin tajjeb u iltaqgħu flimkien u komplew jiskopru iktar din il-ħidma missjunarja tal-Patrijiet Agostinjani.



## Tisjir u Bejgħ ta' kwareżimal

Din is-sena, għall-ewwel darba, is-Segretarjat Missjonijiet Agostinjani u l-grupp AMIGOS flimkien ma' diversi żgħażagħ oħrajn mil-Augustinian Youths u Tagaste Youths, sajjaru 'il fuq minn 700 kwareżimal fil-kċina tal-kulleġġ tagħna fil-Primarja. Din l-attività kienet opportunità sabiħa biex dawn iż-żgħażagħ użaw it-talenti tagħhom biex jgħinu lill-familji foqra.





## Bejgħ ta' Figolli

Fil-weekends qrib il-festi tal-Għid sar il-bejgħ ta' 'l fuq minn 1300 figolla b'risq il-missjoni quddiem diversi Knejjes f'Malta kif ukoll lill-familjari u ħbieb tas-Segretarjat. Nixtiequ nirringrazzjaw lil dawk kollha li għenuna billi xtraw jew taw id-donazzjonijiet tagħhom kif ukoll lill-voluntiera li offrew il-ħin tagħhom.






## Mixjiet fil-kampanja

Matul dawn l-aħħar xhur saru 2 mixjiet differenti fil-kampanja. F'dawn il-mixjiet dawk li pparteċipaw apprezzaw il-ġmiel tal-kampanja Maltija u saru jafu iktar lil xulxin.

## Platt Ross u Ejja bil-Karkur

Kull sena il-Kulleġġ Santu Wistin jgħin billi jorganizza attivitajiet li fihom filwaqt li jiġbor donazzjonijiet b'risq il-ħidma missjunarja Agostinjana, joffri opportunità ta' riflessjoni lill-istudenti sabiex japprezzaw dejjem iktar dak li għandhom fil-ħajja.







## Bejgħ ta' Pjanti

Matul ix-xahar ta' Mejju qiegħed isir bejgħ ta' diversi pjanti. Din l-inizjattiva li bdiet is-sena l-oħra hija opportunità oħra għal ħbieb u dawk li huma qrib tal-Amigos biex jixtru pjanta u jkunu qegħdin jgħinu f'din il-ħidma.

## BBQ

Nhar il-Ġimgħa 13 ta' Ġunju ser ikun organizzat BBQ bħala għeluq ta' dawn l-attivitajiet kollha għal din is-sena qabel il-grupp iħalli Malta nhar il-Ħamis 10 ta' Lulju għal Iquitos (Perù) biex jagħmel l-esperjenza missjunarja.



# NIXTIEQ NGĦIN

Jiena/aħna ____________________qed nagħti/u donazzjoni ta'

€ _______________għall-bżonnijiet tal-Missjonijiet Agostinjani.

**Indirizz:** ________________________________________

**Imejl:** ________________________________________

**Numru tat-telefon:** ________________________________

Din l-informazzjoni hija kunfidenzjali u mhux se tingħata lil terzi persuni, iżda fuq dan l-indirizz se tintbagħat lilkom ir-rivista Amigos biex tkunu tafu iktar dwar ix-xogħol tas-Segretarjat Missjonijiet Agostinjani.

Minħabba l-ispejjeż tal-posta, kull min jixtieq irċevuta, jikteb l-imejl tiegħu biex inkunu nistgħu nibagħtu l-irċevuta permezz ta' imejl. Nirringrazzjawkom tal-koperazzjoni tagħkom.

Meta tibgħat ċekk, ibagħtu fuq

**Segretarjat Missjonijiet Agostinjani**

Grazzi tal-għajnuna tiegħek.

Infakkrukom li ċekkijiet inqas minn €20.01 ma jkunux jistgħu jissarrfu.

Amigos | Segretarjat Missjonijiet Agostinjani

# SUPPORT OUR MISSION

## WITH YOUR DONATION




### To Help Poor Families in Iquitos (Perù)




Come donate and help us ease the burden on those in need. Every contribution, big or small, means a lot and will bring new hope. Join us in this noble mission, together we can create real change.




**food hampers** | **water tank** | **mattresses & pillows**

# DONATE NOW

## BE PART OF SOMETHING BIGGER

**BOV 40010188817**

**Revolut +35679255936**

# IBGĦAT L-GĦOTJA TIEGĦEK, ĦALLI TGĦINNA NGĦINU

## Ibgħat fuq REVOLUT +356 79255936

**TIBGĦAT SMS FUQ** 50618905 GĦAL DONAZZJONI TA' €6.99

**TIBGĦAT ĊEKK LIL** Segretarjat Missjonijiet Agostinjani,
Patrijiet Agostinjani,
Kunvent San Tumas ta' Villanova,
Triq J. Zammit Tabona,
Pietà, PTA 1331

**TAGĦMEL BANK TRANSFER** MT58VALL22013000000040010188817


**AMIGOS: SEGRETARJAT MISSJONIJIET AGOSTINJANI**
**Direttur responsabbli: Patri Mario Abela OSA**
**Maħruġ: Segretarjat Missjonijiet Agostinjani**

**Kunvent San Tumas Ta' Villanova,**
**Triq J. Zammit Tabona, Pietà, PTA 1331**
**imejl: amigos@agostinjani.org**
**Mitbuħ: 5 Stars Malta**


Amigos | Segretarjat Missjonijiet Agostinjani